MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 366/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. Trevor Sammut)**
**Vs**
**Raymond Gauci**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

1. nhar is-16 t’Ottubru, 2004, ghall-habta ta’ nofsinhar, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekkwestra lil xi persuna, w cioe’ lil Fabian Vella w Martin Vella kontra l-volonta’ taghhom jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekkwestrata, w dan bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess data, hin u cirkostanzi w aktar talli, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita' dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nniffsu lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun lit kun jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu jew indahal fi hwejjeg haddiehor u cioe' zamm il-vann FAL 692 tat-tip Toyota abjad propjeta' ta' Joseph Rosso (ID 438235M) u dan bi ksur ghall-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 t'Ottubru , 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 85 u 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu bl-assorbiment tat-tieni akkuza fl-ewwel akkuza w ikkundannatu multa ta' mija w hamsin lira Maltin (LM150).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 t'Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. li mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-appellant qatt zamm lil Fabian Vella jew lil Martin Vella arrestati, mizmuma jew issekwestrati kontra l-volonta' taghhom. Meta dawn marru fil-*boat yard*, dan ghamluh minn jeddhom. Li hemm inkonsistenzi notevoli fix-xiehda moghtija minn Joseph Rosso, Fabian Vella w Martin Vella, li gew elenkati fir-rikors tal-appell. 2. Illi l-Ewwel Qorti illimitat ruha biss ghall-ezami jekk kienx hemm xi zamma ta' persuni kontra r-rieda taghhom minn-naha tal-appellant, minghajr ma ezaminat jekk f' dan il-kaz kienx jinkwadra ruhu f' wiehed fejn il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati. Kieku stess kellu jirrizulta li zamm lil xi hadd, kien ikun applikabbli l-artikolu 355W tal-Kap.9 tal-

Ligijiet ta' Malta li jaghti s-setgha ta' arrest lil persuna privata minghajr il-htiega ta' mandat sabiex izomm lil xi hadd li jkun fl-att li jaghmel jew li jkun ghadu kif ghamel id-delitt ta' serq, fost reati ohrajn indikati fl-istess artikolu. Inoltre l-appellant osserva dak li jghid is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu w cioe' li jgharraf bla dewmien lill-Pulizija li jkun ghamel dak l-arrest. 3. Fit-tielet blok tezisti kontradittorjeta' serja fis-sentenza appellata billi l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati taht l-artikolu 86 tal-Kap.9 u ghall-istess fatt sabitu hati ta' ragjon fattasi meta ghar-reat ipotizzat fl-art. 86 hu rikjest li l-agent ikun qed jagixxi bl-intenzjoni li jarresta, jissekwestra jew izomm lil xi persuna, meta jaf li m'ghandux dan id-dritt skond il-ligi, filwaqt li element essenzjali tar-reat ta' ragjon fattasi hu l-kredenza li l-att qed isir fl-ezercizzju ta' dritt. Ghalhekk hu inkoncepibbli li l-istess fatt seta' qatt iwassal ghal htija taht dawn iz-zewg artikoli tal-ligi w lanqas ma setghet it-tieni akkuza tigi dikjarata bhala assorbita fl-ewwel akkuza. Illi dwar ir-reat ta' ragjon fattasi, huwa car li l-fatti emergenti ma jistghu qatt iwasslu ghal xi sejbien ta' htija dwar tfixkil fil-pussess tal-van FAL 692 billi ma hemm ebda prova ta' hekk u inoltre huma mankanti l-erba elementi kostituttivi ta' dan ir-reat.

Semghet it-trattazzjoini;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Illi gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti, li dil-Qorti normalment ma tvarjax l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, sakemm din il-Qorti ma tqisx li l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti tkun *“unsafe and unsatisfactory”* , u dana fis-sens li fuq il-provi li jkollha quddiema l-Ewwel Qorti w li jkunu jinsabu traskritti fil-process, hi suppost li ma tkun qatt waslet ghall-konkluzzjoni ta’ htija li tkun waslet ghaliha. U dana ghaliex ghax kif gie ritenut mill-Qrati Inglizi :-

*"..assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case , with the conclusion of the learned Magistrate) because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case - including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings - leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally , a conviction will be quashed*." (Rex. v. Cooper (1969) 1 QB 276 per Lord Chief Justice Widgery - BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) p.1392 citat b'approvazzjoni fl-appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Brian Caruana"** (23.5.02 ).

Ghalhekk l-ezami li ghandha taghmel din il-Qorti mhux li tara jekk taqbilx jew le mall-konkluzzjoni ta' htija raggunta mill-Ewwel Qorti, izda jekk dik il-konkluzzjoni l-Ewwel Qorti setghetx ukoll tasal ghaliha *"safely"* fuq il-provi li kellha quddiemha. Sa hawn jasal l-ezercizzju revizjonarju ta' din il-Qorti meta si tratta ta' apprezzament ta' fatti.

Ikkonsidrat;

Ghalhekk din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-fatti biex tara jekk hemmx lok li hi tiddisturba l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz. Minn dan l-ezami jirrizulta li fis-16 t' Ottubru, 2004, Fabian Vella w Joseph Rosso kienu hadu dghajsa fil-*boat yard* tal-appellant. Peress li Rosso ried jipparkja d-dghajsa fejn kien hemm van ipparkjat liema van kien ta' impjegat tal-appellant, iben l-appellant Brian Gauci kien cempel lil dan l-impjegat biex jghidlu li kien ser icaqlaqlu l-van minn postu. Joseph Rosso pparkja d-dghajsa flok il-van u telaq hesrem minn fuq il-post. Meta Brian Gauci ra lil Rosso jitlaq f' daqqa, hu kien sorpriz. Ipprova jcempel bil-*mobile phone* tieghu li kien ghadu kif uza ftit attimi qabel izda ma sabux ghalkemm fittxu anki fejn id-dghajsa ta' Rosso w Vella. Brian Gauci ghalhekk informa b' dan lil missieru w

peress li dak il-hin fil-*boat yard* ma kien hemm hadd hlief l-appellant, ibnu, lavrant u Rosso w Vella, l-appellant cempel lil Rosso biex jirritorna fil-*boat yard*. Rosso ghalkemm kien ghadu kif telaq minn hemm ma rritornax u kien mar lura biss il-persuna li kellu mieghu cioe' Fabian Vella flimkien ma certu Martin Vella. L-appellant qalilhom biex jibqghu hemm sakemm jigu l-Pulizija w biex icemplu lil Rosso biex jigi lura fil-*yard*. Meta waslu l-Pulizija dawn arrestaw lil Fabian Vella w lil Rosso li sa dak il-hin kien gie lura fil-*yard.* Hu fatt li ghal xi hin pjuttost twil Fabian u Martin Vella baqghu fil-*yard* tal-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward ta' Fabian Vella dan kien ma Rosso fil-hin li ghib il-mobile phone w l-appellant seta' kellu suspett legittimu li hu kien b' xi mod involut jew bhala awtur, ko-awtur jew komplici ma Rosso w allura, una volta li hu kien irritorna lura fil-*boat yard* - sia pure volontarjament, l-appellant seta' jezercita d-dritt tieghu ta' arrest mill-privat konferit bl-artikolu 355W (1), li gie mizjud fil-Kodici Kriminali bl-Att III tas-sena 2002. Di fatti jidher mill-assjem tal-provi li c-cirkostanzi kienu tali li jammontaw ghal dan l-arrest tal-privat. Effettivament kienet giet infurmata l-Pulizija w dawn kienu marru fuq il-post u hemm arrestaw lil dan Fabian Vella flimkien ma Rosso li sadattant kien ukoll irritorna fil-*boat yard.*

Pero' anki jekk l-appellant, fuq dawn il-fatti seta' gieh xi suspett li Fabian Vella kien b' xi mod involut fl-ghibien tal-mobile phone ta' ibnu, zgur li Martin Vella ma seta' kien involut bl-ebda mod, ghaliex ma kienx prezenti meta dan instab nieqes. Ghalhekk kull azzjoni li biha gie trattenut Martin Vella fil-*boat yard* tal-appellant ma seta' jkollha ebda gustifikazzjoni fir-rigward tieghu.

Eppure Martin Vella xehed li kien gie infurmat li qabel ma jirritornaw lura il-mobile phone, l-appellant ma kienx ser ihallihom jitilqu minn fuq il-post. Fil-fatt l-appellant ta' istruzzjoni lill-impjegati tieghu biex tinghalaq il-*gate* tal-*yard* u hu w Fabian Vella damu hemm madwar hamsin minuta imsakkrin fil-yard kontra l-volonta' taghhom.

L-appellant jaccetta li hu kien qal lil Fabian u Martin Vella sabiex jibqghu fuq il-post sakemm jigu l-Pulizija pero' cahad li l-grada tal-*boat yard* kienet maghluqa izda qal li din kienet biss imbexxqa kif tkun bhas-soltu wara nofsinhar. Pero' rrizulta li magemb din il-grada kien hemm ukoll xi tmien irgiel li Vella fehem li kienu ser jimpeduhom milli johorgu minn hemm, jekk stess jippruvaw jaghmlu dan.

Ghalhekk ghalkemm fic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti ma kellhiex isib lill-appellant hati tas-sekwestru illegali ta' Fabian Vella mhux l-istess hu l-kaz fir-rigward ta' Martin Vella, li jidher li gie detenut fil-*yard* intortament u meta fl-konfront tieghu ma setghu qatt jezistu c-cirkostanzi li jiggustifikaw l-arrest mill-privat kif johrog mill-artikolu 355W.

Illi ghar-rigward tat-tielet aggravju jidher li dan hu ben fondat u ladarba l-appellant kien qed jinstab hati tas-sekwestru tal-persuna fir-rigward ta' Martin Vella, ma setax ukoll jinstab hati tar-reat ta' ragjon fattasi. L-agir tal-appellant fir-rigward ta' Martin Vella kien jaqa' taht ir-reat distint u separat kontemplat fl-artikolu 86 u ghalhekk il-fatt ma kienx jaghti lok ghar-reat kontemplat fl-artikolu 85 li jikkontempla agir alkwantu w ghal kollox differenti minn dak ta' arrest jew sekwestru illegali ta' persuna, la fil-konfront ta' Fabian Vella w lanqas fil-konfront ta' Martin Vella.

Ghal dawn il-motivi din din il-Qorti qed tilqa' limitatament l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni izda biss fil-konfront ta' Martin Vella w tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' din l-ewwel imputazzjoni fil-konfront ta' Fabian Vella, kif ukoll tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni w minnha tilliberah u tirrevokaha fejn, bl-assorbiment tat-tieni akkuza fl-ewwel akkuza, kkunndannatu ghal multa ta' mija w hamsin lira Maltin (LM150) u minnflok, wara li rat il-proviso tal-artikolu 86 tal-Kap.9, tikkundannah ghall-multa ta' mitejn u hamsa w

tletin Ewro (Ewro 235), li jekk ma jithallsux minnufieh jigu konvertiti f' ghoxrin (20) jum prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------